**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 29 ta' Jannar 2024**

**Każ Numru: 215/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Vella)**

**kontra**

**Muhammed Abdi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Muhammed Abdi ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben Abdi u Fatuma, imwieled is-Somalja nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002), mingħajr residenza fissa u detentur ta' dokument maħruġ mill-Pulizija bin-numru 20L-030.

U nakkużah talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) waqt li kien qiegħed fi Triq Schembri, il-Ħamrun u/jew f'dawn il-gżejjer Maltin:-

1. Ikkaġuna ħsara volontarja jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura għad-detriment ta' Joshy Joseph, liema valur ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U fl-istess ċirkostanzi ħebb għal Ismail Ahmad u Joshy Joseph sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmlilhom l-ħsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U fl-istess ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li ħareġ mill-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Ismail Ahmed u Joshy Joseph u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U fl-istess ċirkostanzi, volontarjament kiser l-bon ordni u paċi pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U fl-istess ċirkostanzi jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ġie mixli talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ikkaġuna ħsara volontarja fuq vettura u dan għad-detriment ta' Joshy Joseph, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€ 2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€ 250). Huwa ġie mixli ukoll li wettaq ir-reati ta' natura kontravenzjonali ai termini tal-Artikolu 339(1)(d)(e) u l-Artikolu 338(w)(dd) tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, in-natura tar-reati li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li kien iddispjaċih għal dak li għamel, kif ukoll il-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-prosekuzzjoni u d-difiża qablu li l-ħsarat illi saru kienu jammontaw għal erba' mitt ewro (€400).

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 325(1)(b), 338(w)(dd), 339(1)(d)(e), kif ukoll l-Artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat **Muhammed Abdi** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-perjodu ta' **tmien (8) xhur priġunerija effettiva,** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda toħroġ ukoll fil-konfront ta' l-imputat **Muhammed Abdi** Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' **Ismail Ahmad u Joshy Joseph**. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta' sena (1), li jibda jiddekorri mill-llum, u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi kkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat iħallas lil Joshy Joseph, is-somma ta' erba' mitt Euro (€400), bħala kumpens għall-ħsara magħmula minnu. Dan il-ħlas għandu jsir permezz ta' erba' pagamenti mensili konsekuttivi ta' mitt Euro (100) il-wieħed, bl-ewwel pagament jagħlaq u jsir dovut xahar wara d-data meta l-imputat jiskonta l-piena karċerarja hawn imposta fuqu u r-rimanenti tlett pagamenti jagħlqu u jsiru dovuti kull wieħed minnhom fit-tlett xhur sussegwenti u konsekuttivi.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin illi huwa ferm importanti illi l-ħati jinghata l-kura u l-għajnuna kollha necessarja, inkluż għajnuna psikoloġika u psikjatrika skond il-ħtigijiet tiegħu.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil**

**Deputat Reġistratur Michela Deguara**